A.L. 176 ta' l-2003

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2003 tal-Kors għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istitut tal- Public Administration and Management bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2003 tal-Kors għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Istitut tal-*Public Administration and Management*;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur ta' l-Istitut tal-*Public Administration and Management*;

"il-Gradi" tfisser il-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil.

Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2003 'il quddiem.

Reġistrazzjoni

3. (1) L-applikanti għall-Gradi għandhom jissodisfaw dan l-ordinament minbarra r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni indikati fir-Regolamenti Prinċipali.

(2) L-applikanti biex jidħlu għall-grad ta' Master of Philosophy għandhom ikollhom grad tajjeb bl-Unuri fil-*public administration* jew f'qasam ta' studju relatat ħafna, minn din l-Universita' jew universita' oħra, jew kwalifiki ta' livell komparabbli rikonoxxuti għal dan il-għan mis-Senat. Il-Bord jista' jimponi rekwiżiti addizzjonali, li jinkludu t-tmiem b'suċċess ta' programm ta' studju approvat.

(3) Qabel ma jirreġistraw għall-grad ta' Doctor of Philosophy, l-applikanti normalment ikunu meħtieġa l-ewwel jirreġistraw għall-grad ta' Master of Philosophy. L-applikanti jiġu rrakkomandati għal reġistrazzjoni diretta għall-grad ta' Doctor of Philosophy f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss.

(4) L-applikazzjonijiet għall-Gradi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'paragrafu (4) tar-regolament 5 tar-Regolamenti Prinċipali, sakemm il-proposta tar-riċerka ma tkunx anqas minn 1,000 kelma u ma taqbiżx l-2,000 kelma.

Teżijiet u dissertazzjonijiet

4. (1) L-istudenti għandhom jissottomettu:

(a) teżi ta' mhux aktar minn 100,000 kelma għall-grad ta' Doctor of Philosophy; u

(b) dissertazzjoni ta' mhux aktar minn 50,000 kelma għall-grad ta' Master of Philosophy.

(2) Ma jistax isir tibdil fit-titlu jew fis-suġġett approvat fil-bidu tar-reġistrazzjoni jekk mhux bir-rakkomandazzjoni tas-superviżur u tad-Direttur, u bl-approvazzjoni tas-Senat.

(3) It-teżijiet u d-dissertazzjonijiet għandhom isegwu l-istruzzjonijiet dwar il-format u l-preżentazzjoni approvati minn żmien għall-żmien mill-Bord.

(4) L-istudenti għandhom jissottomettu tlett kopji identiċi u llegati sewwa tat-teżi jew tad-dissertazzjoni, skond il-każ, hekk kif jiġu awtoriżżati jissottomettu x-xogħol tagħhom għall-valutazzjoni skond ir-regolament 10 tar-Regolamenti Prinċipali, u għandhom iġibu kopja oħra identika għall-eżami orali.

(5) Mhux aktar tard minn sitt ġimgħat minn meta t-teżi jew id-dissertazzjoni tingħata l-approvazzjoni finali mill-eżaminaturi, l-istudenti għandhom jissottomettu lill-Istitut tlett kopji identiċi tax-xogħol, ipprintjati, illegati bi qxur iebsin, li waħda minnhom għandha tkun depożitata fil-Librerija ta' l-Universita'.